MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010

Appell Kriminali Numru. 468/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Priscilla Caruana)**
**Vs**
**Marlon Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala
Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-7 ta' Gunju, 2009, ghall-habta ta' 23.10 hrs, bhala persuna responsabbli w substitute mill-bar gol-fond bl-isem "Cherries Bar" li jinsab fi Pretty Bay, B'Bugia :
1. bil-lejl kiser il-mistrieh tal-girien tieghu meta daqq muzika b'volum gholi;
2. kiser il-kundizzjonijiet maghmulin lilu fil-licenzja mahruga minn Awtorita' kompetenti;
3. ippermetta lil Bojan Petrovic idoqq strument muzikali jew xi daqq ta' xi muzika registrata jew b'xi mod li jkun,

jew l-amplifikazzjoni ta' dik il-muzika b'xi mezz eletroniku jew iehor minghajr il-permess ta' l-Awtorita' kompetenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
tal-1 ta' Dicembru, 2009, li biha wara li rat l-artikoli 43(1)(b) tal-Kap. 409 u r-regolament 12 tal-L.S 409.15, sabet lill-appellant hati tal-ewwel zewg akkuzi wara li kkonsidrat l-assorbiment taghhom sabitu hati tal-ewwel u tat-tieni akkuza w ikkundannatu multa ta' €1200.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta' Dicembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni (b'dan illi t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni), u fil-parti fejn illiberat lill-appellant mit-tielet akkuza, filwaqt illi tirriformaha fil-parti tal-piena, w dan billi tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghall-fatti speci tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant li fil-qosor huma s-segwenti :-
1. Illi dak in-nhar tal-kaz il-Pulizija accedew fil-fond tieghu ghall-habta tal-hdax u ghaxra ta' bil-lejl, u dan jirrizulta car u ampju kemm mill-Affidavits tal-Pulizija, esebiti quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll mid-deposizzjoni ta' l-Ispettur Caruana. Stante illi skond ir-Regolamenti 1 tas-sena 2006, l-appellant ma setax idoqq muzika amplifikata sal-hdax ta' bil-lejl, peress illi sa dak iz-zmien kien ghad ma gabx il-licenzja sabiex idoqq muzika amplifikata wara l-hdax, kien biss b'ghaxar minuti illi huwa kiser id-dispozizzjonijiet tar-regolamenti msemmija. Is-sitwazzjoni kienet tkun ferm differenti kieku huwa nstab idoqq il-muzika aktar tard matul il-lejl. Inoltre ma ttellghet ebda persuna pajzana igifieri girien li kkonfermaw illi l-muzika bdiet taghtihom fastidju. Inoltre kien ukoll zmien fejn in-nies jibdew idumu aktar barra meta johorgu mhux

bhax-xitwa fejn in-nies torqod aktar kmieni, w aktar taghzel illi toqghod ghall-kenn gewwa milli tohrog barra fil-ksieh;
2. Illi sussegwentement huwa rregola ruhu w fil-fatt illum ghandu permess sabiex idoqq muzika amplifikata sas-siegha (1.00 a.m.). Dan il-permess inghatalu b'effett mit-tmienja ta' Lulju, 2009 u ghalhekk ftit wara d-data ta' l-akkuza odjerna. Dan il-fatt kellu jkun rifless fil-piena, pero' jidher illi l-Ewwel Qorti skartat il-fatt illi l-appellant illum irregola ruhu. Fil-fatt, dak in-nhar tas-seduta stess, l-appellant kien ukoll tella lil Inginier Sacco bhala xhud in difesa sabiex jikkonferma illi l-appellant mhux biss gab il-permessi mehtiega, w b'hekk irregolarizza l-posizzjoni tieghu, izda ghamel ukoll diversi xogholijiet fil-fond in kwistjoni sabiex jimminimizza l-hsejjes, u dan fuq il-parir ta' l-istess Inginier Sacco. Pero' l-Ewwel Qorti dehrilha illi ma kelliex tisma provi fuq il-piena, stante illi hasset illi l-ewwel u t-tieni imputazzjoni jirrizultaw ampjament u ghalhekk kellha tinstab htija;
3. Illi l-appellant ghandu fedina penali netta, w ghalkemm ilu jigestixxi dan il-bar, din kienet l-ewwel darba illi huwa nstab hati li kiser xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-licenzja minn Qorti kompetenti.

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena tal-multa erogata mill-Ewwel Qorti . Issa, kif dejjem jinghid, din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena, sakemm dik il-piena ma tkunx tezorbita mill-parametri tal-ligi jew ma tkunx manifestament wahda esagerata. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999], "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn).

F' dan il-kaz l-piena hija fil-parametri tal-ligi tant li l-appellant fl-aggravji tieghu ma jilmentax mill-fatt li l-Ewwel Qorti ezorbitat minn dawn il-parametri. Di fatti skond l-artikolu 43(1) (b) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta w

cioe’ l-Att Dwar Servizzi tal-Ivvjagar u tat-Turismu ghal Malta , il-piena minima ghal min jikser il-kondizzjonijiet tal-licenzja lilu moghtija mill-Awtorita’ hija dik ta’ Euro 1,146.69c u massimu ta’ Euro 23,293.73c. Ghalhekk il-piena addirittura tirrazenta l-minimum. Illi mbaghad skond l-art. 43(3) tal-Kap. 409, id-dispozizzjonijiet tal-att dwar il-probation ma japplikawx dwar reati msemmija fis-subartikolu (1).

L-aggravji huma biss li hu kien ecceda l-hin biex idoqq muzika bi ftit minuti, li wara hu kien ottjena licenzja biex idoqq muzika anki wara l-hdax ta’ bil-lejl u li l-appellant kellu kondotta tajba.Ghalkemm dan kollu minnu, din il-Qorti xorta wahda tara li ma hemmx raguni ghala ghandha tiddisturba d-dikrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena.

Ir-regolamenti w l-kondizzjonijiet tal-licenzji ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament u mhux bit-tigbid naqra ‘l hawn u naqra ‘l hinn.

Del resto din kienet it-tieni darba li l-appellant kien inqabad jikser l-istess dispozizzjoni tal-ligi u ghalhekk suppost kien ben konsapevoli mill-ksur tal-ligi anki jekk dan ikun ta’ ftit minuti wara l-hin.

Ghal dawn il-motivi qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------